| FESTA SAN PIETRU U SAN PAWL - ĦRUĠ U DĦUL 2024 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | € | € |
| **Dħul** | | Diversi ġbir | | 15,077.56 |
| | | Donazzjonijiet għall-fjuri | | 1,470.00 |
| | 16/07/24 | Emanuel Camilleri (L&R) - A2 posters | | 200.00 |
| | 12/08/24 | N.N. Donazzjoni festa SSPP | | 50.00 |
| | 14/10/24 | N.N. Donazzjoni festa SSPP | | 16.85 |
| | | **Total** | | **16,814.41** |
| **Ħruġ** | 20/03/24 | Insurances | 5,000.00 | |
| | 24/06/24 | Laqgħa festi esterni - drinks | 30.00 | |
| | 02/07/24 | Grupp Daqqaqa Xewkija - daqq ta' qniepen | 160.00 | |
| | 03/07/24 | Rights of use Cappella Camilleri | 60.00 | |
| | 15/07/24 | Fjuri għal mal-istatwa titulari<br>Fjuri għall-artal u l-presbiterju | 930.00<br>624.00 | |
| | 19/07/24 | Servizz mużikali orkestra | 7,715.70 | |
| | 24/07/24 | Printing: 100 A2 posters u 1500 programmi | 765.00 | |
| | 29/07/24 | Diversi festini matul in-novena tal-festa | 560.00 | |
| | 28/10/24 | Enemalta fees | 1,370.43 | |
| | 28/10/24 | Dwal festa, knisja u toroq | 3,310.25 | |
| | 19/11/24 | Mixegħla dawl tal-faċċata, koppla u kampnari tal-knisja | 3,000.00 | |
| | | **Total** | **23,525.38** | |
| | | **Żbilanċ** | | **-6,710.97** |

**Festa San Koronatu**
Nirringrazzjawkom tal-ġabra li saret għall-festa li laħqet is-somma ta' €3,421.50. Inkomplu nħeġġu lil min għadu ma wassalx l-offerta tiegħu biex jgħinna nkomplu nħallsu l-ispejjeż marbuta mal-festa ta' ġewwa, speċjalment il-mużika u l-armar. Grazzi mill-qalb.

**Iċ-ċimiterji tal-parroċċa**
Inħeġġukom tkomplu tgħinuna nżommu dawn il-postijiet għeżież fl-ordni u l-indafa kif jixirqilhom. Fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina qed jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tindif u bħalissa qed isiru preparamenti biex ikun hemm sistema tajba ta' sorveljanza fiż-żewġ ċimiterji. Tajjeb għalhekk li tibqgħu twasslu l-offerta annwali ta' €20 għall-manutenzjoni ordinarja taċ-ċimiterju, li tgħinna ntaffu mill-ispiża li tlaħħaq madwar €12,800 kull sena għaż-żewġ ċimiterji: għall-ġbir tal-iskart, il-manutenzjoni tal-ġnien u l-bini, it-tikħil tal-oqbra, l-ilma u d-dawl u xogħol ieħor. Tiddejqux twasslulna s-suġġerimenti tagħkom.
Infakkrukom li f'dan ix-xahar, iċ-ċimiterji jinsabu miftuħin kuljum mis-7.00am sas-6.00pm. Nafu b'kemm għożża qed tmorru żżuru lill-għeżież tagħkom mejtin u nħeġġukom tkomplu titolbu għall-erwieħ tagħna sabiex huma jirċievu l-glorja tal-Ġenna u lilna l-Mulej jagħtina l-grazzja li nitgħallmu minnhom x'jiswa tassew għall-ħajja ta' dejjem.

**Formazzjoni Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira Nadur**
Kif kien imħabbar fil-bullettin, wara li ġie xolt il-Kumitat, saret sejħa għal membri ġodda hekk li nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru nżammet laqgħa mill-Arċipriet għal dawk kollha li wrew interess li jagħtu sehemhom. Il-Kumitat il-ġdid ġie ffurmat minn dawn il-membri: Azzopardi Mark, Bugeja Mario, Camilleri Samantha, Cardona Dun Joe, Curmi Lino, Grima Emanuel, Grima Monica, Mifsud Peter Paul, Muscat Denis, Muscat Doreen, Muscat Joe, Muscat Marthese, Vella Bjorn, Vella Sue, Vella William, Xuereb Charlie.

**Avviżi:**
**Il-Grupp ta' Talb ta' Patri Piju** se jiltaqa' nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru fl-4.00pm fil-kappella tas-Sorijiet. Jibda bir-Rużarju bl-Adorazzjoni u l-Quddiesa. Dejjem nitolbu għall-morda u għall-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna ma' intenzjonijiet oħra.

Infakkru u nħeġġu **lir-romol kollha, irġiel u nisa,** li nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru fis-5.45pm hemm il-laqgħa għalihom fil-Mużew il-qadim tal-bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

**"L-Ewwel snin taż-żwieġ: sfidi u opportunitajiet".** Laqgħa minn Dr Nicholas Briffa nhar il-Ħadd 8 ta' Diċembru, fit-3.30pm, fis-Sala tas-Santwarju Ta' Pinu għall-**koppji kollha li żżewġu f'dawn l-aħħar ħames snin.** Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

**Il-Proċess tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex 2025-2026**
Fil-ġimgħat li ġejjin se jintlaqgħu applikazzjonijiet għad-dħul ta' tfal fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex f'Settembru 2025. L-informazzjoni ddettaljata tistgħu ssibuha fuq il-website tal-Kurja www.knisja.mt. Agħfsu fuq Skejjel tal-Knisja.